## QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta' Jannar 2018**

Rikors Guramentat Nru. 242 / 13RGM

Kawza fil-lista: 16

**B A**
**vs**
**L-Avukat Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina permezz tad-digriet tat-13 ta' Frar 2014 gew nominati bhala kuraturi deputati nominati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C A u b'digriet tal-20 ta' Ottubru 2015 gie revokat l-inkarigu tal-kuraturi deputati stante li l-konvenut assuma l-atti**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-4 ta' Ottubru 2000 u minn dan iz-zwieg twieled l-minuri E ta' tlettax- il sena;

Illi z-zwieg ta' bejniethom tfarrak u tkisser irremedjabbilment minhabba eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi, abbandun u adulterju fost affarjiet ohra validi fil-Ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibili u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skont il-Ligi, bi htija imputabbli unikament tal-konvenut;

Illi minhabba davrn ir-ragunijiet imputabbli lill-attur rikonvenzjonat li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali, l-esponenti kienet kostretta li tfittex il-kenn gewwa x-xelter Dar Merhba Bik flimkien mal-minuri;

Illi l-intimat telaq mill-pajjiz u qed jghix is-Serbja flimkien mal-partner tieghu u ma ghamel l-ebda kuntatt mal-attrici u l-minuri binhom, u dan wara li f’Gunju 2013, kien ha l-minuri iben mieghu ghal xaharejn u dan minghajr il-kunsens tal-esponenti. Illi l-minuri pprezentement qieghed gie ritornat lura Malta wara xaharejn u dan fuq insistenza tal-minuri stess;

Illi ghalhekk il-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibili;

Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati biex jipprocedu f’din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 19 ta' Settmebru 2013;

Illi l-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-esponenti u konsegwentement tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut;

2. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut lill-esponernti u l-minuri fuq imsemmi, tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew minn pensjoni illi qed jircievi l-intimat u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u awmentat kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-esponenti;

3. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri E f’idejn l-esponenti u dan kif jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrent u l-ohra lil-intimat, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

5. Tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikolu 48 et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48,51, sa 55 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-esponenti il-beni kollha parafernali taghha;

7. Tappunta l kuratur sabiex jirraprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiva f'jum u hin u post stabbilit minn dina l-Onorabblli Qorti;

8. Tappunta espert komputista sabiex jirrelata dwar id-djun ezistenti u l-assi ezistenti;

9. Tawtorizza lill-espronenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt, minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti kuraturi pprezentata fil-11 ta' Marzu 2014 fejn iddikjaraw li m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk irriservaw li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Rat r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-2 ta'Novembru 2015 fejn iddikjara li l-attrici uzat diversi ismijiet meta giet Malta, li qatt ma kienu mizzewgin ghalkemm ghandhom tifel komuni Miodrag A, li t-talbiet tal-attrici ghas-separazzjoni personali, ghall-manteniment u ghar-restituzzjoni tal-beni parafernali ma jistghux isiru billi ma hemmx zwieg bejn il-partijiet; li hu, biex jghin lill-minuri, offrilu flus diversi drabi, izda ommu tghidlu biex ma jaccettahomx. Hu jitlob li jigi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri Miodrag, fl-ahhjar interess tal-istess minuri, b'hinijiet ampji ta' access ghall-omm;

Rat ix-xhieda ta' Pamela Cuschieri, Head tad-Dar Merhba Bik, u tal-WPC 45 Joanne Borg Shepard li xehdu fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2014, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat d-digriet ta' din il-Qorti moghti 'seduta stante' fl-14 ta' Ottubru 2014 dwar l-access tal-omm ghall-minuri;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2014, fejn il-Qorti semghet kameralment lill-minuri Miodrag A, fil-presenza tad-Deputat Registratur u s-Social Worker mill-Agenzija Appogg;

Rat ix-xhieda tal-PS 1314 Raymond Ambrogio, stazzjonat l-Ghassa ta' Hal-Luqa u ta' Martina Testa, mill-Agenzija Appogg, Sezzjoni Child Protection Services, li xehdu fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat d-digriet moghti minn din il-Qorti fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2014 fejn ordnat li l-minuri Miodrag ghandu jirrisjedi mall-omm;

Rat x-xhieda ta' Innocent Aquilina, Head tal-Liceo, li xehed fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2014, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda ta' Marisa Russo, Social Worker fid-Dipartiment tal-Vjolenza Domestika fl-Agenzija Appogg li xehdet fis-seduta tas-27 ta' Frar 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda ta' Joseph Saliba ghall-Employment and Training Corporation, u ta' Saviour Theuma ghad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, li xehdu fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda ta' Dottor Alexia Albani ghall-Bank of Valletta plc, li xehdet fis-seduta tat-30 ta' April 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat n-nota tal-Avukat Dottor Ruth Scott ipprezentata fl-1 ta' Gunju 2015, fejn iddikjarat li kienet qed tirrinunzja ghall-patrocinju tal-konvenut;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2015, fejn deher il-konvenut li assuma l-atti, nghata ghoxrin gurnata biex jippresenta risposta guramentata u giet revokata n-nomina tal-kuraturi deputati;

Rat ix-xhieda ta' Thomas Ivanovic u Ljubisa A li xehdu fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda tal-Assistant Kummissarju tal-Pulizija, Lawrence Cutajar li xehed fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2016;

Rat l-affidavit tal-konvenut anness ma' nota pprezentata fit-28 ta' Jannar 2016;

Rat ix-xhieda ta' Derek Camilleri, Assistent Direttur fid-Dipartiment tas-Citizenship and Expatriate Affairs, li xehed fis-seduta tas-27 ta' April 2106 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat x-xhieda tal-konvenut C A, li xehed fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2016, u fis-seduta tat-18 ta'Ottubru 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat d-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Jannar 2017 fejn giet michuda t-talba tal-attrici ghall-manteniment ghaliha minghand il-konvenut u milqugha fil-konfront tal-minuri Miodrag fl-ammont ta' €250 fix-xahar b'effett mit-3 ta' Lulju 2015 li jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri;

Rat n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fil-11 ta' Awwissu 2017;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2017, meta il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI.**

**Pamela Cuschieri, l-Head tad-dar Merhba Bik**, xehdet fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2014, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[1] Hi ddikjarat li l-attrici, B A dahlet fid-dar Merhba Bik fit-23 ta' Mejju 2013, hi kienet giet 'refered' mid-Domestic Violence Unit tal-Appogg. L-attrici kienet allegat li giet abbuzatata minn zewgha, C A, fizikament, emozzjonalment u finanzjarjament. Meta l-attrici giet ammessa fid-dar ma kellhiex lil binha Miodrag A, maghha billi kien iqatta' xi granet mal-missier. Fil-11 ta' Gunju 2013, l-Appogg rceviet rapport mill-iskola tat-tifel li missieru kien qed izommu maghluq go karma u hadlu il-mobile. Fis-27 ta' Gunju 2013 it-tifel Miodrag mar is-Serbia ma' missieru bil-kunsens tal-attrici, kellhom jirritornaw fis-27 ta' Lulju 2013 izda ma gewx lura. Fit-2 ta' Awwissu 2013 il-konvenut talab lill-attrici biex tibaghtlu €350 biex jixtri l-biljett tal-ajru ghat-tifel Miodrag. L-attrici baghtet il-flus izda t-tifel baqa' ma giex lura. Fis-16 ta' Awwissu 2013, Miodrag baghat SMS lill-ommu fejn qalilha li hajtu wasslet fit-tmiem billi ma setghax jghix minghajr ommu.

Fit-3 ta' Awwissu 2013 l-attrici saret taf li l-konvenut u t-tifel kienu gew lura Malta u eventwalment fit-2 ta' Settembru 2013 l-attrici rat lil binha fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun u fit-3 ta' Settembru 2013 il-konvenut halla lit-tifel li jmur ma' ommu fid-dar Merhba Bik. L-attrici dahlet f'din d-dar fit-23 ta' Mejju 2013 u telqet minn hemm fit-30 ta' Jannar 2014, u marret bit-tifel f'shelter iehor. L-attrici kienet tallega li zewgha kien icemplilha u jheddidha li joqtolha.

---

[1] Fol 65.

It-tifel Miodrag kien ukoll kellem lil Pamela Cuschieri dwar t-theddied tal-konvenut, hi tiftakar okkazzjoni partikolari meta t-tifel qalilha li kien fi knisja barra minn Malta ma' missieru li xeghel xi xemghat u halef li joqtol lil ommu l-attrici.

**WPC 45 Joanne Borg Shepard**, xehdet fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[2] Hi pprezentat tlett rapporti li l-attrici kienet ghamlet fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun li saru fid-19 ta' Settembru 2013, fit-23 ta' Mejju 2013 u fil-21 ta' Marzu 2013.

**PS 1314 Raymond Ambrogio**, stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija, Luqa, xehed fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[3] Hu ddikjara li l-attrici kienet ghamlet rapport li r-ragel prezenti taghha, l-konvenut C A, kien aggredixxa t-tfal taghha li hi kellha mill-ewwel zwieg. It-tifel tal-partijiet Mika A kien mar ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija il-Hamrun u kull darba li kien jara lix-xhud kien jistaqsih dwar ommu billi missieru ma kienx ihallih jaraha. Kien jghidlu li ommu kienet protetta pero' ma setghax jghidlu fejn kienet. Hu kien jaf li l-attrici ghamlet xi zmien tghix ma' bintha Anna u wara kienet dahlet f'xi shelter. Ix-xhud, xi sena qabel, kien ma' martu u ibnu fi Smart Supermarket u ltaqa' mal-attrici li qaltlu li zewgha kien aggrediha u stupraha. Hu kien qalilha biex tirrapporata il-kaz lil Vice Squad.

Meta kien ghadu fl-Ghassa tal-Hamrun kien cempel lill-konvenut biex jisma' l-verzjoni tieghu dwar ir-raguni li ma kien qed ihalli lit-tifel jara lill-attrici ommu. Il-konvenut kien qallu li l-attrici kienet prostituta. Hu kien jaf li l-attrici f'dak iz-zmien kienet f'shelter u qal lill-konvenut li bhala genituri hemm r-resposabilita' fil-konfront tat-tfal u li ma ghandux icahhad lit-tifel milli jara lill-ommu.

Ix-xhud kien ukoll ltaqa' mat-tifel tal-partijiet u qallu biex ma jemminx lill-missieru li ommu kienet prostituta. It-tifel kien qallu li l-konvenut missieru kien qed jissuspetta li l-istess xhud kellu relazzjoni mal-attrici. Ix-xhud irrisponda li l-uniku interess li kellu kien il-gid tat-tifel. Hu ezebixxa r-rapport tal-attrici li hu stess kien ikkonsenja fl-Ghassa tal-Hamrun.

Ix-xhud iddikjara li l-attrici kienet qaltlu li darba l-konvenut kien ha lit-tifel is-Serbia u bezghet li ma kienx ser jirritorna. Meta l-attrici qaltlu li l-konvenut kien gie lura Malta, x-xhud baghat ghalih u kellmu fl-Ghassa tal-Hamrun u qallu biex jikkoncedi lill-attrici li tara lil binha. Ghall-ewwel ma accettax pero' wara cempillu biex jghidli li kien ser ihalli lit-tifel jmur jara lill-ommu. Wara xi zmien ix-xhud gie stazzjonat l-Ghassa ta' Hal-Luqa u ma baqax f'kuntatt mat-tifel li xi drabi kien jikkomunika mieghu fuq 'facebook'.

---

[2] Fol 67.
[3] Fol 94.

**Martina Testa, ghac-Child Protection Services fl-Agenzija Appogg** xehdet fl-istess seduta.[4] Hi ddikjarat li fit-22 ta' Mejju 2013 kienet rceviet rapport mill-attrici li qalet li kienet qed tigi mheddha minn zewgha u talbet l-ghajnuna biex tkun tista' tidhol f'xi dar residenzjali. L-attrici ghamlet kuntatt l-ghada mad-Domestic Violence Unit u ghamlet rapport l-Ghassa tal-Pulizija fil-Hamrun. Kienu gew infurmati ukoll mill-iskola li l-omm kienet qed tinkwieta li l-missier kien ser jiehu lit-tifel mieghu il-Bulgaria. Dan kien f'Mejju 2013. Hi ddikjarat li f'dan l-kaz ma ittiehdux provvedimenti dwar Child Protection, billi t-tifel kien jidher li kien sufficjentement protett mill-omm.

**Stephanie Camilleri Galea, Social Worker fid-Dar Qalb ta' Gesu'** xehdet fl-istess seduta.[5] Hi ddikjarat li id-Dar hi 'second state shelter' ghall-vittmi ta' vjolenza domestika u tinsab f'Santa Venera. L-attrici u binha ntbaghtu hemm mid-Domestic Violence Unit tal-Agenzija Appogg. Hi qalet li hi s-Social Worker li qed tahdem ma' din il-familja u li qatt ma rceviet telefonati mill-konvenut C A. It-tifel Mika kien qalilha li l-konvenut kien jhedded li joqtol lill-attrici, u li kien jakkuzaha li torqod ma' rgiel ohra. L-attrici kkonfermat dak li kien qalilha t-tifel u ziedet li l-konvenut kien jheddidha b'uliedha. It-tifel Mika telaq mix-shelter fit-18 ta' Awwissu 2014. Telaq billi kellu jmur vaganza fis-Serbia ma' missieru, kellu jirritorna fit-22 ta' Settembru 2014 izda ma giex lura.

Hi kienet baghtitlu messagg fil-25 ta' Awwissu 2014 fuq il-mobile tal-konvenut u staqsietu kif kien sejjer billi ma kienx sar kuntatt mieghu ghal gimgha shiha.

Hu l-ewwel irrisponda billi staqsa ghaliex ommu kienet qed tigdiblu u li kien sab r-revolver ta' missieru u kien ser joqtol lilu nnifsu. Ix-xhud tghid li tant bezghet li cemplitlu fuq l-istess mobile, pero' ma setghax jkellimha billi kien hemm missieru. Hu assikuraha li ma kellhiex ghalfejn tinkwieta pero' ma setghax ikellimha fil-presenza ta' missieru. Ix-xhud rceviet messaggi ohra meta Mika kien fis-Serbia li kienu dwar fejn kienet l-attrici, pero hi ma taghtu l-ebda informazzjoni dwar dan billi kienet tibza li l-konvenut jigi ifittixha.

Il-konvenut u t-tifel irritornaw Malta fis-26 ta' Settembru 2014 u hi rat lil Mika darbtejn. L-ewwel darba kien mar x-shelter u qal lix-xhud li ried jerga' jghix ma' ommu. Skont ix-xhud it-tifel nbidel u meta kien jmur jara lil ommu meta jigi biex jitlaq kien ikun indeciz ghandux jibqa' jew jitlaq. Kien jghidilha biex tiehu hsieb ommu biex ikun jista' jerga' joqghod maghha. Fizikament kien jidher tajjeb, kien jiekol b'mod normali u ghamilha cara li ried jerga jghix ma' ommu.

[4] Fol 96.
[5] Fol 97.

It-tifel qalilha li jekk l-omm tipprocedi bil-Qorti biex hu jghix maghha, l-missier jirrabbja u jista' jwegga' lil omm. Wara din l-okkazzjoni Mika ma regghax mar x-shelter anke ghar-raguni li dwar l-access mill-omm ghat-tifel kien inghata digriet mill-Qorti.

**Innocent Aquilina, Head of School tal-Lyceum,** xehed fis-seduta mizmuma fit-13 ta' Novembru 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[6] Hu pprezenta 'Attendence Summer Breakdown Report' u ddikjara li l-attendenza tat-tifel tal-partijiet, in generali, hija accettabbli. It-tifel Miodrag kien informa l-iskola li kien ser ikun msiefer ma' missieru ghall-vakanza.

Hu pprezenta ukoll rapport dwar il-'performance' tat-tifel fl-iskola dwar il-komportament u l-prestazzjonijiet akkademici tieghu. It-tifel esprima x-xewqa tieghu li jixtieq jghix mal-omm. It-tifel jidher li jibza' minn missieru u hu izjed fil-paci ma' ommu. Hu ddikjara li kien jwassal lit-tifel sal-'bus stop'. Xi sentejn qabel t-tifel accetta li jkellem lil missieru pero' fil-presenza tax-xhud, li ddeskriva lit-tifel bhala 'a normal and well behaved student'.

**Marisa Russo, Social Worker fid-Dipartiment tal-Vjolenza Domestika fl-Agenzija Appogg,** xehdet fis-seduta tas-27 ta' Frar 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[7] Hi ddikjarat li hi s-Social Worker tal-attrici, B A, li kienet ghamlet l-ewwel kuntatt fit-2 ta' Mejju 2013. L-attrici qaltilha li kienet vittma ta' abbuz fiziku, emozzjonali, sesswali u finanzjarju da parti ta' zewgha; li kien jimbuttaha, kien jaghtiha daqqiet ta' ponn u daqqiet ta' sieq u gieli heddidha bis-sikkina; li kien jisfurzaha tidhol fil-karozza, tnehhi hwejjigha u jiehdilha r-ritratti; li kien izommha milli tmur tara lil bintha minn zwieg precedenti li tghix hawn Malta jew li zzur lit-tfal l-ohra li kienu jghixu fis-Serbia; li kien jsegwiha u jcempillha l-hin kollu u ma kienx jaghtiha flus.

L-attrici dahlet fid-dar Merhba Bik f'Mejju 2013, izda kienet ilha minn Frar ma tghix mar-ragel u kienet qed tghix ghand it-tifla. L-attrici kienet qaltilha li tibza' mit-theddied ta' zewgha li kien ser joqtolha, kienet taf li kien jzomm sikkina fil-karozza tieghu u ghalhekk xtaqhet li tidhol go shelter. It-tifel Mika kien jaghmel gimgha ma' ommu u gimgha ma' missieru. It-tifel kien ghamel xi zmien jghix ma' ommu fid-dar Merhba Bik. L-attrici kienet tghidilha li tibza mit-theddied tal-konvenut u f'Lulju 2013 it-tifel siefer ma' missieru u l-attrici kienet tibza li ma kienx ser igibu lura. Xehdet li l-attrici halliet lit-tifel jmur ma' missieru billi dan kien qed jikteb ittri anonimi lill-bintha u jheddidha li joqtolha. Anke meta l-konvenut u t-tifel kienu fis-Serbia l-konvenut kien icempillha u jheddidha li jigi Malta u joqtolha. L-attrici qalet li kienet infurmata li l-konvenut izzewweg mara

[6] Fol 119.
[7] Fol 134.

Bulgara. It-tifel Mika rritorna Malta f'Settembru 2013, u bl-ghajnuna tal-Pulizija rega' mar lura ma' ommu.

It-tifel kien qal lix-xhud li missieru kien jaghtih bil-ponn f'rasu, jghajjat mieghu, jghidlu li ommu mara hazina u tigri mal-irgiel u ma kienx jhallih jikkomunika maghha, kien jahtaflu l-mobile meta ccempillu ommu.

Ix-xhud kellmet lill-attrici fil-31 ta' Mejju 2013, f'dik l-okkazzjoni l-attrici ddikjarat li t-tifel qalilha li l-konvenut kien qed jghid man-nies li hi mara hazina u li kien ser ikun vjolenti maghha, u meta regghet kellmitha fit-23 ta' Lulju 2013 l-attrici qaltilha li barra l-abbuzi l-konvenut kellu hafna relazzjonijiet extra konjugali u ghalhekk ma xtaqitx tibqa' aktar mieghu. Qaltilha ukoll li darba meta kienu barra minn Malta, zewgha kien ghamillha pistola ma' wiccha.

Meta ltaqghet ma' l-attrici fi Frar 2014, din qaltilha li ghalkemm il-konvenut kien mar lura s-Serbia xorta wahda kien jibghat hafna messaggi fuq Facebook lit-tifel anke fis-2.00am.

Il-kaz, tikkonkludi x-xhud,nghalaq wara Mejju 2014 billi r-ragel mar lura s-Serbia u ma kienx qed jghix f'Malta.

**Joseph Saliba, ghall-Employment and Training Corporation** xehed fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[8] Hu pprezenta l-Employment History tal-konvenut C A u ddikjara li b'effett mid-19 ta' Jannar 2015 dan kien impjegat bhala 'steel fixer' ma' G&P Borg Ltd, Tal-Ibragg. Xehed li ma jirrizultax li l-attrici qatt hadmet hawn Malta billi skont r-records tad-Dipartiment ma hemm l-ebda Employment History dwar l-attrici.

**Saviour Theuma, ghad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali,** xehed fl-istess seduta.[9] Hu pprezenta erba' dokumenti, Dok ST1 juri l-pensjoni li l-konvenut C A kien qed jircevi, €88.14 kull gimgha; Dok ST2 juri l-bonus li qed jircevi, €3.12 kull gimgha; Dok ST3 juri l-bonus li jithallas kull sitt xhur ta'€135.00 li jithallas kull sitt xhur f'Gunju u f'Dicembru u Dok ST4 juri l-'cost of living bonus' ta'€4.26 kull gimgha.

Hu ddikjara li l-konvenut ilu jircevi l-pensjoni mill-1 ta' Dicembru 2012.

**Joseph Caruana, ghall-Bank of Valletta plc**, xehed fis-seduta tal-10 ta' April 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[10] Hu ddikjara li mir-ricerki li ghamel dwar il-konvenut C A ID 32580A irrizulta li dan ghandu kont wiehed li ghadu

[8] Fol 143.
[9] Fol 144.
[10] Fol 183.

attiv, infetah fit-13 ta' Jannar 2005 u l-bilanc fit-8 ta' April 2015 kien ta'€1954.48.

**Thomas Ivanovic,** xehed fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[11] Hu ddikjara li mhux relatat mal-konvenut C Stefanovic pero' kien joqghod fl-istess villagg, li jismu Prokuplje fis-Serbja,, ghal 25 sena. Hu jaf lill-attrici kemm ilha tirrisjedi mal-konvenut billi ltaqghu diversi drabi, pero' ma jafx jekk humiex mizzewgin. Lit-tifel Mika ilu jafu minn mindu kien zghir billi gieli mar ghandu. Hu jipproduci l-ghasel fis-Serbia u ried jaghti vazett ghasel lit-tifel Mika ghall-birthday, li tah lill-missieru.

Hu qal li r-relazzjoni bejn il-missier u t-tifel hi tajba hafna u jaf li l-missier xtara mutur ghat-tifel.

**Ljubisa A,** xehdet fl-istess seduta.[12] Hi qalet li tigi mill-konvenut ghalkemm mhiex prima kugina. Hi ukoll qalet li r-relazzjoni bejn C l-konvenut u t-tifel Mika hi wahda tajba hafna. Hi ilha taqghod Malta ghal dawn l-ahhar 15-il sena u tafhom sew. Hi ukoll taf li l-missier xtara mutur lit-tifel. Hi qalet li kienet taht l-impressjoni li l-partijiet kienu mizzewwgin, pero' recentement l-konvenut qalilha li ma kienux mizzewwgin u uriha xi dokumenti f'dan is-sens.

**Lawrence Cutajar, Assistent Kummissarju tal-Pulizija, in charge tal-Police Special Branch** li jinkorpora l-Immigrazzjoni, xehed fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[13] Hu ddikjara li cittadin tas-Serbia b'effett mis-sena 2009, ma ghandhux bzonn visa biex jidhol Malta. Hu pprezenta numru ta' rapporti li saru mill-attrici fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun bejn t-2013 u t-2015. L-attrici giet Malta fl-1 ta' Ottubru 2012. Hu pprezenta dokumenti dwar il-movements tal-partijiet u ddikjara li skont r-records il-konvenut dahal l-ewwel darba Malta fis-26 ta' Settembru 2005.

**Derek Camilleri, Assistant Director Expatriates** xehed fl-istess seduta.[14]

Xehed illi l-attrici applikat ghal residence card fis-17 ta' Novembru 2001 fejn ddikjarat li f'dik il-gurnata kienet l-ewwel darba li dahlet Malta.

Xehed illi l-konvenut ddikjara fl-applikazzjoni tieghu li l-ewwel darba li dahal Malta kien fis-16 ta' Gunju 2001. Wara applika u nghata 'long term residence'.

---

[11] Fol 345.
[12] Fol 347.
[13] Fol 352.
[14] Fol 353.

Skont r-records tad-Dipartiment B A dahlet Malta bhala 'family member'. Hu ddikjara li meta persuna tapplika bhala 'family member' jinhtieg li jkollha 'sponsor'. Il-mara u t-tfal ta' taht it-tmintax il-sena jikkwalifikaw. Hu pprezenta residence permit tal-konvenut, Dok LC6 fejn l-istess C A iddikjara li hu mizzewweg.

L-istess xhud rega' xehed fis-seduta tas-27 ta' April 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[15]Hu ddikjara li l-attrici dejjem applikat bhala 'family member' u l-konvenut kien lis-sponsor taghha, u kull meta kien mehtieg iffirma kull darba li applikat. Diversament l-applikazzjoni ma kinitx tigi milquha, rrizulta li t-tnejn kienu ffirmaw. Hu ddikjara li fl-applikazzjoni tat-2007 tidher il-firma ta' C A u hemm anness certifikat taz-zwieg.

**C A, il-konvenut,** fl-affidavit tieghu mahluf fl-20 ta' Jannar 2016,[16] iddikjara li fin-1999 hu kien foreman f'impjant ma' kumpanija fil-Montenegro. F'Gunju ta' dik s-sena l-attrici kienet marret biex tfittex impieg u hu kien accettaha. F'dak iz-zmien hu kien ddivorzja mill-mara li kellu. Minn dan z-zwieg kellu zewg subien li illum ghandhom 45 sena u 43 sena. F'Novembru 1999 l-attrici bdiet tghix mieghu, u fis-sena 2000 kellhom tifel, Miodrag.

F'Gunju 2001 iddecida li jigi jghix u jahdem f'Malta. Sab xoghol bhala 'shutterer and steel fixer' ma George Gatt tar-Rite Mix Limited. F'Novembru 2001 l-attrici u t-tifel gew Malta u bdew jghixu mieghu. Kollox kien sew bejniethom sas-sena 2012.

Hu skopra li kien "mizzewweg" maghha meta f'Ottubru 2014 il-Pulizija kienu marru ghandu ghat-tifel, hallewlu xi dokumenti li skont shabu f'Malta kienu jikkonfermaw li hu kien mizzewweg mal-attrici. Hu jemmen li l-attrici uzat xi dokument bil-firma tieghu, u wara skopra li Avukat fis-Serbia kien irrapprezentah fi zwieg falz fis-Serbia.

Hu jghid li la kien jaf b'dan iz-zwieg u l-anqas kien awtorizza lil xi Avukat bi prokura biex jirrapprezentah fi zwieg fis-Serbia. F'dan iz-zwieg falz jirrizulta li d-data tat-twelied u isem l-attrici huma differenti. Hu jaf li d-data tat-twelied taghha hi 23 ta' Settembru 1964 u mhux 23 ta' Mejju 1964. Jaf li isem l-attrici hu B Rabrenovic u mhux Stojana A. Dan hu kollu falz u z-zwieg mal-ewwel ragel taghha ghadu validu. Hu qal li ser jipprezenta dokumenti ufficjali b'konferma ta' dan.

---

[15] Fol 372.
[16] Fol 356 et seq.

Fis-sena 2003 billi baqghet f'Malta wara li skada z-zmien lilha koncess, il-passaport taghha gie ttimbrat bl-iswed u kienet prekluza milli tidhol Malta ghal hames snin.

Hu baqa' Malta bit-tifel. Hi ghamlet xaharejn fis-Serbia regghet dahlet Malta bi passport iehor u b'isem iehor fuq il-passaport cioe' Stojana A. B'dan il-mod irnexxhielha tidhol Malta. Hu jghid li qaltlu x'ghamlet dwar il-passaport billi riedet toqghod f'Malta.

Il-konvenut kellu jmur s-Serbia ghall-trattament mediku fit-2013 u t-2014. Il-problemi bejniethom bdew f'April 2013. Hu beda jircevi l-pensjoni u ried jirritorna fis-Serbia. Hu kien irritorna Malta, bit-tifel, wara t-trattament mediku, f'Settembru 2014. Hu dejjem ipprovda ghall-htigijiet kollha tat-tifel kull meta kien ikun mieghu. Meta t-tifel mar biex jarrah fis-Sebia fil-vakanzi tal-iskola, ommu naqset li takkompanjah u t-tifel kien mizmum mill-Pulizija fil-Bulgaria u kellu jmur ghalih hu stess. Wara rrizultalu li l-attrici flokk akkumpanjat lit-tifel marret ghall-vakanza fil-Montenegro.

Il-konvenut jghid li kollox kien sew fl-2011 u fl-2012 u jekk saru xi rapporti mal-Pulizija hu qatt ma kien jaf bihom, billi kien biss f'Ottubru 2014 li l-Pulizija kienu marru ghandu biex jigbru lit-tifel Miodrag. Kienu taw diversi dokumenti u qalulu biex jkellem Avukat. Hu kien ltaqa' ma' Dottor Ruth Scott li f'ismu kienet kitbet l-ittra li hu annetta mal-istess affidavit.

Hu jghid li meta t-tifel kien mieghu fis-Serbia kien kuntent hafna, kien johrog mal-hbieb u hu kien xtralu mutur.

F'Marzu 2013 l-attrici telqghet mid-dar u hadet lit-tifel maghha. It-tifel kien jmur jarah u xi drabi hu kien jmur jara lit-tifel l-iskola. Ma jistax jaghtih flus ghax ommu tghidlu biex ma jaccettahomx. Skopra recentement permezz tal-avukat prezenti tieghu li hemm Care Order u jiddikjara li ma jistax jifhem dan kollu billi hu bhala l-missier ghandu kull dritt li jara lill-ibnu apparti milli hu ukoll fl-interess tat-tifel li jara lil missieru.

Jghid li fl-ahhar ta' Marzu 2013 meta l-attrici kienet telqghet mid-dar, kienu marru ghandu uliedha, binha Petko u bintha Ana. Petko tah daqqiet ta' ponn f'wiccu u spicca kollu tbengil u bi 'black eye'. Mar il-polyclinic tal-Furjana fejn nghata certifikat mediku u qalulu jirrapporta lill-Pulizija. Kien iddecida li ma jmurx u wara jumejn rceva telefonata mill-pulizija Ambrogio li kien stazzjonat il-Hamrun li qallu biex jmur ikkellmu l-Ghassa. Il-konvenut mar u tah c-certifikat mediku li qatt ma gie rritornat lilu. Jghid li l-attrici cemplitlu u sarkastikament qaltlu li qatt ma kien ser jircevi r-rapport mediku. Iltaqa' ma dan il-pulizija f'zewg okkazzjonijiet ohra, talbu c-certifikat mediku, jghidlu li kien ser jibghatu izda qatt

ma baghthulu lura. Jghid li meta gie attakkat, Petko kien nesa barzakka ghandu u wara ftit granet dan l-istess pulizija ma ufficjal iehor marru ghall-barzakka u Petko u Anna kienu qed jistennewhom fil-karozza. Il-pulizija ma riedux jisimghu l-versjoni tieghu tal-incident.

Jghid li rega ltaqa' ma' Ambrogio f'Ottubru 2015 meta hu kien mal-partner tieghu. Rega' fakkru fuq ic-certifikat u qalilhom li ma ghadux stazzjonat il-Hamrun u li l-konvenut seta' jigbru minn hemm, pero' meta il-konvenut mar hemm qalulu li Ambrogio biss jista' jirritornahulu.

Il-konvenut jghid li sar jaf minn ghand n-nies li l-attrici qed tghix ma' dan Ambrogio, l-ewwel marret tghix mieghu Hal-Balzan u wara sar jaf mit-tifel li marru f'post il-Hamrun vicin l-iskola.

Hu jghid li t-tifel ma rahx izjed wara Ottubru 2014. Ma jistax jifhem kif hemm Care Order billi hu dejjem itrattah tajjeb lit-tifel u dejjem ha interess fil-htigijiet tieghu kollha. Xi xaharejn qabel gie infurmat mill-iskola li t-tifel ma kienx qed jattendi regolarment. Kien mar ma' sid il-kera tieghu ikellmu l-Head tal-Iskola u spjegalu li t-tifel kien ilu ma jghix mieghu minn Ottubru 2014. Jghid li l-Head skuza ruhhu ghax ma kienx jaf li Miodrag ma kienx qed jghix mieghu.

Jghid li hu inkwetat mill-fatt li hadd mis-Servizzi Socjali jew mill-Appogg ma kkommunika mieghu dwar s-sitwazzjoni tat-tifel jew offrew l-assistenza biex jergghu jigu stabbilita kuntatti normali ta' familja bejnu bhala l-missier u ibnu.

Il-konvenut xehed fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[17] Hu ghamel referenza ghad-dokument li jinsab a fol 367 mnejn jirrizulta li l-attrici assumiet kunjom zewgha 'Popovic' u li kunjom xbubitha hu 'Rabrenovic'. Fl-ahhar 15 il-sena kellha zewg passaporti foloz u rritornat Malta xaharejn wara li giet ordnata ma tidholx Malta ghal 5 snin. F'dak iz-zmien isimha kien registrat bhala Stojana (minghajr l-k) A. B'dan il-passaport damet sas-sena 2012. Meta kienu holiday is-Serbia via Bulgaria nghatat ordni li ma tistax tidhol fil-Bulgaria ghal 5 snin. Hu rritorna Malta ma' ibnu u hi kellha passaport iehor falz din d-darba l-isem kien B A. Hu ipprezenta l-ittra tal-1 ta' Marzu 2015 li Dottor Ruth Scott kitbet lill-ispettur tal-Immigrazzjoni. Hi kienet mizzewga u ghadha hekk mizzewga ma' ragel bil-kunjom Popovic. Dan hu skoprih f'Jannar 2016 mill-Qrati fi Prokuplje fis-Serbia. Hi kienet hbiet il-passaporti minnu u hu kien ghamel il-verifiki. Meta staqsiha fuq l-istatus taghha irrispondiet li zewgha kellu l-vizzju tax-xorb u tal-loghob u ma setghatx tibqa' mieghu.

---

[17] Fol 374.

Il-konvenut qal li ghal 14-il sena hu kien zamm it-tfal taghha miz-zwieg taghha ma' Popovic. Hu kien hallas €1,000 lil Avukat Dr Dragisa Radovanovic, biex tipprocedi bid-divorzju kontra Popovic fis-Serbia kif jirrizulta mid-dokument tat-30 ta' Dicembru 2015 a fol 367,368 u 369.

Il-konvenut kompla jixhed fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2016, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[18] Hu qal li meta hi kienet qed tfittex impieg u hu kien il-foreman u kien qed ifittex partner wara biss tlett tijiem qaltlu li riedet tizzewgu. Hu qal li dahqet bih u ddefrawdatu s-somma ta' €40,000. Hi kienet rtirat il-flus mill-kont tieghu fil-Bank bil-Bank Card li kien taha hu stess billi qatt ma ssuspetta fiha u jghid li t-tifel Miodrag ra tghaddi l-flus lit-tfal taghha miz-zwieg precedenti. It-tifel qallu ukoll li hi tircevi €475 fix-xahar mis-Servizzi Socjali f'Malta u ma thallasx ghall-akkomodazzjoni. Kif kien qal f'okkazzjoni precedenti, hu kien taha xi flus biex jgieb id-divorzju. Hu jghid li taha prokura biex tizzewgu bil-proxy billi hu kien qed jghix hawn Malta. Hu jghid li ma ghandux kopja tal-prokura.

Gew ipprezentati r-rapporti segwenti:

Rapport tal-21 ta' Marzu 2013.[19] L-attrici rrapportat li l-konvenut agredixxa lilha u liz-zewg uliedha minn zwieg precedenti, Petko u Anna.

Rapport tat-23 ta' Mejju 2013.[20] L-attrici rrapportat fl-Ghassa tal-Hamrun li t-tifel Miodrag kien qed jfalli l-iskola meta jkun fil-kura ta' missieru. Hi riedet tkun taf ir-raguni ghalhiex kien qed jigri hekk.

Rapport tad-19 ta' Settembru 2013. [21]L-attrici rrapportat fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, billi hi kienet qed tghix fid-Dar Merhba Bik li zewgha hataf lit-tifel diversi drabi mill-iskola u li dik n-nhar kien ser isiefer bil-passaport tat-tifel u oggetti ohra tat-tifel u li l-Pulizija marru wara l-bieb tieghu izda ma fetahx.

Rapport tal-20 ta' Ottubru 2014.[22] L-attrici rrapportat li l-konvenut zewgha naqas li jiehu t-tifel Miodrag ta' 14 il-sena, fid-Dar Qalb ta' Gesu' Triq il-Kbira Santa Venera fi tlett okkazzjonijiet differenti in kontravenzjoni ta' digriet tal-Qorti, u li ma kienx qed jibghat lit-tifel lis-skola billi hi rceviet sms mill-iskola f'dan is-sens.

Rapport tat-18 ta' Novembru 2014.[23] It-tifel ltaqa' mal-konvenut meta kien sejjer lis-skola, beda jghajjru b'ommu, qabbdu minn idu izda t-tifel harablu.

---

[18] Fol 380.
[19] Fol 61.
[20] Fol 58.
[21] Fol 55.
[22] Fol 80.
[23] Fol 285.

Rapport tat-8 ta' Dicembru 2014.[24] L-attrici flikien ma' binha Miodrag u s-Social Worker tad-Dar Qalb ta' Gesu', Stephanie Camilleri Galea irrapportaw li l-konvenut kien repetutament icempel lit-tifel fuq il-mobile u jistennieh hdejn il-Liceo tal-Hamrun in kontravvenzjoni ta' digriet tal-Qorti.

Rapport tad-19 ta' Novembru 2015.[25] L-attrici rrapportat li zewgha kien qed jeddidha permezz ta' ittri.

Rapport tal-4 ta' Mejju 2015.[26] L-attrici, binha Miodrag u il-Care Worker Stephanie Camilleri Galea rrapportaw kien pogga ittra fix-xaqq tal-bieb u segwa lit-tifel li kien sejjer lis-skola.

Rapport tat-22 ta' Ottubru 2014.[27] L-attrici rrapportat li l-konvenut zewgha ma kienx qed jaghtiha access ghat-tifel skont d-digriet tal-Qorti, u li kien jcempillha bil-lejl u jeddidha.

Rapport tal-5 ta' Mejju 2014.[28] L-attrici kienet vittma ta' 'snatch and grab' meta kienet fl-istage tal-Bombi fi Triq Nazzjonali l-Hamrun minn zewg persuni Afrikani li eventwalment tressqu l-Qorti, ammettew l-akkuzi u gew ikkundannati.

Rapport tat-23 ta' Settembru 2014.[29] L-attrici rrapportat li kienet qed tircevi telefonati minn zewgha li ried li t-tifel jghix mieghu fis-Serbia mentri hi riedet li t-tifel jghix maghha f'Malta.

Rapport tad-19 ta' Settembru 2013. Dan ir-rapport kien gia' gie pprezentat u jinsab a fol. 55.

Rapport tat-23 ta' Mejju 2013. Rapport li t-tifel ma kienx qed jattendi lis-skola meta jkun fil-kustodja ta' missieru. Dan ir-rapport kien gia' gie pprezentat u jinsab a fol. 58.

Rapport tad-29 ta' Frar 2012.[30] L-attrici rrapportat li tilfet l-I.D. card.

Rapport tal-20 ta' Ottubru 2014.[31] L-attrici rrapporatat li tilfet l-I.D. Card taghha fl-inhawi tal-Gzira.

---

[24] Fol 282.
[25] Fol 277.
[26] Fol 280.
[27] Fol 288.
[28] Fol 294.
[29] Fol 298.
[30] Fol 306.
[31] Fol 308.

Rapport tas-27 ta' Settembru 2014.[32] Il-konvenut irrapporta li l-attrici kienet qed tirrifjuta li taghti l-kotba u l-uniformi tal-iskola lit-tifel.

Rapport tal-21 ta' Marzu 2013.[33] Rapport tal-attrici li zewgha aggredixxa lilha u liz-zewg uliedha mill-ewwel zwieg. Dan ir-rapport kien gia' gie epprezentat u jinsab a fol. 61.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Mic-certifikat taz-zwieg epprezentat mill-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-23 ta' Ottubru 2003.[34] Fir-rikors guramentat gie ddikjarat li l-kontendenti zzewgu fl-4 ta' Ottubru 2000, dan mhux korrett billi l-imsemmija data hi d-data tat-twelied tat-tifel Miodrag, u mhux d-data taz-zwieg. Dan hu ukoll ikkonfermat min-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici.[35]

Il-konvenut inizjalment ikkontenda li ma kienx hemm zwieg bejn il-partijiet u li t-talbiet tal-attrici ghall-manteniment, ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u ghar-restituzzjoni tal-beni parafernali tal-attrici l-anqas jistghu jsiru billi kien jallega li ma hemmx zwieg bejniethom.

Meta l-konvenut xehed fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2016,[36] 'inter alia' ddikjara " "As I stated in the previous sitting I gave her money to obtain her divorce. I gave her this money on the understanding that she was to obtain her divorce. I gave her the power of attorney to marry me by proxy as I was living in Malta. I do not have a copy of this power of attorney."

Dan jammonta ghal ammissjoni da parti tal-konvenut li l-partijiet kienu zzewwgu u li l-istess konvenut kien ta l-kunsens tieghu ghal dan z-zwieg. Ghalhekk l-allegazzjoni originali tieghu li ma kienx hemm zwieg bejn il-partijiet ma tirrizultax fondata.

Dwar il-meritu, l-attrici fir-rikors guramentat tallega li z-zwieg tkisser minhabba eccessi, minacci, sevizzi, theddied u offizi gravi, abbandun u l-adulterju da parti tal-konvenut, pero' fit-talbiet u fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ma tghmilx sottomissjonijiet dwar l-allegazzjoni ta' abbandun u l-adulterju.

[32] Fol 310.
[33] Fol 314.
[34] Fol 417.
[35] Fol 404.
[36] Fol 381.

L-attrici ma prezentatx it-testimonjanza taghha izda mix-xhieda prodotta rrizulta sodisfacentement illi fuq perijdu relattivament twil kienet vittma ta' abbuz fiziku u emozzjonali da parti tal-konvenut u tant kienet mbezza' mit-theddied ta' vjolenza tal-konvenut, li kellha tirrikorri ghall-protezzjoni li tipprovdi l-Agenzija Appogg.

Irrizulta li l-attrici kienet kostretta titlaq mid-dar u tmur tghix ghand bintha mill-ewwel zwieg u wara xahrejn sabet rifugju fid-dar Merhba Bik u wara fis-shelter Dar Qalb ta' Gesu'.

Dwar il-minuri Miodrag irrizulta li dan esprima x-xewqa li jippreferixxi jghix ma' ommu, u li jkompli l-istudji tieghu hawn f'Malta. Il-konvenut jghid li meta t-tifel jkun mieghu ma jonqsu xejn u li anke xrtalu mutur meta kien mieghu fis-Serbia. Mill-banda l-ohra, irrizulta mix-xhieda tas-Social Worker, Stephanie Camilleri Galea, li fil-25 ta' Awwissu 2014 l-minuri qalilha b'messagg li sab il-pistola ta' missieru li kien ser jnehhi hajtu b'idejh.

Illum t-tifel ghandu 17 il-sena u b'verbal registrat fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2017 gie ddikjarat li l-konvenut telaq minn Malta permanentement.

Ikkunsidrat;

Fil-kawza fl-ismijiet "**Caterina Agius vs Benedict Agius**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 ntqal:

"Il-ligi taghna tqieghed bhala mottivi li jiggustifikaw l-azzjoni, l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Frar 1969 ntqal:

"biex jkun hemm mohqrija jehtieg li jkun hemm mhux xi att izolat ta' xi daqqa' waqt xi tilwima imma l-persistenza f'certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jisthux jkomplu jghixu flimkien".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 ntqal:

"Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi".

Fil-kaz in ezami, rrizulta li l-attrici kienet ripetutament mheddha mill-konvenut li kien ser joqtol lilha u lill-uliedha mill-ewwel zwieg, kien vjolenti maghha f'diversi okkazzjonijiet, sawwatha bil-ponn u bis-sieq, pogghielha sikkina ma' wiccha u f'okkazzjoni ohra pistola, u kien izomm sikkina fil-karozza. Tant kienet mbezza' minnu li l-ewwel marret xahrejn ghand bintha u wara sabet rifugju fid-dar Merhba Bik. L-incidenti ta' vjolenza ma kienux il-kaz izolat. Iz-zwieg tal-partijiet kien karratterizzat mill-vjolenza tar-ragel fil-konfront tal-mara.

Il-Qorti ghalhekk qed tikkonkludi li z-zwieg tal-partijiet tfarrak ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut u cioe' l-vjolenza, l-eccessi, l-minacci, s-sevizzi u t-theddied tieghu fil-konfront tal-attrici martu.

**Kura u Kustodja tal-Minuri.**

L-**Artikolu 149 tal-Kapitolu 16** jipprovdi li:

"B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, il-Qorti tista, jekk tigi murija raguni tajba, taghti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-propjeta' ta' persuna li tkun taht l-eta' kif jidrilha xieraq fl-ahjar interess tat-tifel".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014, il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti l-poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Mario Darmanin vs Annalise Cassar**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 ntqal:
"……meta tigi biex tiddecidi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kkondizzjonata mill-meriti u demeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss dwar x'hinu l-ahjar interess tal-minuri."

Fil-kaz in ezami rrizulta abondantement li t-tifel stabilixxa r-residenza tieghu f'Malta. Hu jmur skola il-Liceo il-Hamrun u iddikjara li jixtieq li jispicca l-iskola hawn Malta. Irrizulta li meta kien ma' missieru fis-Serbia kien mdejjaq ghal-ahhar, kien jibza minn missieru u kien jhossu kompletament dominat u kkontrollat minnu.

Fil-fehma tal-Qorti hu definitivament fl-ahjar interess tal-minuri li jghix ma' ommu f'Malta, f'ambjent trankwil, minghajr l-litigji kontinwi mal-konvenut. It-tifel illum ghandu 17 il-sena u hu fl-ahjar interess tieghu li ma jharbatx il-programm skolastiku tiehu propju fl-ahhar sena.

Il-kura u kustodja tal-minuri Miodrag qed ghalhekk tigi fdata esklusivament f'idejn l-attrici ommu.

**MANTENIMENT.**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha,[37] l-attrici tghid li ghalkemm ma ddekaditx mid-dritt li titlob manteniment minghand zewgha, prezentement m'hiex qed taghmel din it-talba billi ghadha qed tahdem.

Dwar il-manteniment ghat-tifel l-attrici talbet li jigi kkonfermat d-Digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Jannar 2017,[38] fejn giet michuda t-talba tal-attrici ghall-manteniment ghaliha u giet milqugha t-talba ghall-manteniment fil-konfront tal-minuri, li gie stabbilit fl-ammont ta' mitejn u hamsin euro (€250) fix-xahar b'effett mit-3 ta' Lulju 2015 li jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha.

L-attrici ddikjarat illi nonostante d-digriet tal-Qorti pendente lite l-konvenut baqa' ma hallas xejn mill-manteniment li gie ordnat jivversa lill-attrici fl-interess tal-minuri u ghalhekk qed titlob illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas il-manteniment ghall-minuri b'effett minn kif ordnat bis-sahha tad-digriet pendente lite.

Il-Qorti, filwaqt li tikkonsidra din it-talba gustifikata, tosserva illi tenut kont li l-konvenut jirrisjedi barra minn Malta, huwa aktar indikat illi l-manteniment stabbilit ikun mill-ewwel jinkludi l-kontribuzzjoni tal-konvenut ghall-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri. Fic-cirkostanzi l-Qorti ser tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri s-somma ta' tlett mitt ewro (Euro 300) fix-xahar u dan b'effett minn meta giet intavolata l-kawza odjerna.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Dwar il-komunjoni tal-akkwisti, l-attrici ddikjarat fl-imsemija nota li l-uniku assi huwa il-kont bankarju f'isem il-konvenut mal-Bank of Valletta plc. u li l-fondi ta' dan il-kont ghandhom jinqasmu ugwalment bejniethom. Mix-xhieda ta' Joseph Caruana ghall-imsemmi Bank,[39] fit-8 ta' April 2015 l-kont kien attiv u kellu bilanc ta' €1954.48. Dr Alexia Albani,[40] ikkonfermat li l-kont inf**e**tah fil-15 ta' Jannar 2005 u hu Savings Account f'isem il-konvenut numru 40014003671.

---

[37] Fol 413.
[38] Fol 401.
[39] Fol 183.
[40] Fol 260.

Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti qed tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici nofs is-somma imsemmija depozitata l-bank f'isem il-konvenut.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut;

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minnhabba vjolenza, sevizzi, eccessi, minacci u inguji gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-attrici u konsegwentement tawtorizza lill-attrici tghix separata mill-konvenut;

2. Tilqa' in parti t-tieni talba tal-attrici billi tichad t-talba ta' manteniment ghaliha in kwantu ghandha impjieg u tilqa' it-talba tal-manteniment ghat-tifel Miodrag, b'dan illi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghat-tifel minuri s-somma ta' tlett mitt ewro (€300) fix-xahar b'effett mit-3 ta' Lulju 2015 li jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja u li jinkludi il-kontribuzzjoni tal-konvenut ghall-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha, tal-minuri, liema ammont ghandu jibqa' jithallas sakemm it-tifel jaghlaq 23 sena kemm-il darba jibqa' jistudja fuq bazi full time. Tordna li l-manteniment hawn ordnat jinqata' direttament mill-pensjoni jew beneficcji ohra jew paga li l-konvenut jircevi u jithallas direttament lill-attrici u dan sakemm ikun qed jirrisjedi maghha Miodrag.

3. Tilqa' t-tielet talba tal-attrici u tafdalha l-kura u kustodja tal-minuri Miodrag;

4. Tilqa' r-raba' talba tal-attrici, tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, tillikwida l-istess billi tiddikjara li l-uniku assi tal-komunjoni hu il-kont bankarju mal-Bank of Valletta plc f'isem il-konvenut indikat 'supra' u tordna li l-bilanc fl-imsemmi kont ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

5. Tilqa' l-hames talba tal-attrici u tapplika kontra il-konvenut id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51 sa 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Tichad is-sitt talba tal-attrici billi ma saret l-ebda prova li l-konvenut kellu fil-pussess tieghu beni parafernali tal-attrici;

7. Tichad is-seba' u t-tmien talba attrici;

8.	Tilqa’ d-disa’ talba tal-attrici u tawtorizzha tirregistra l-eventwali sentenza fir-Registru Pubbliku ta’ Malta u tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**